**Parlament Ewropew**

2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0193/2023**

24.5.2023

# RAPPORT

li fih mozzjoni għal riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tat-Tajlandja, min-naħa l-oħra (11908/2022 – C9-0429/2022 – 2022/0252M(NLE))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Andrey Kovatchev

PR_Consent_Motion

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI MHUX LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW ..........3

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI ..........12

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI ..........14

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI ..........15

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI MHUX LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tat-Tajlandja, min-naħa l-oħra (11908/2022 – C9-0429/2022 – 2022/0252M(NLE))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (11908/2022),

– wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 209 u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(iii), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C9-0429/2022),

– wara li kkunsidra l-abbozz tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tat-Tajlandja, min-naħa l-oħra[1],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjonijiet konġunti tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tas-16 ta' Settembru 2021 bit-titolu "L-Istrateġija tal-UE għall-kooperazzjoni fl-Indo-Paċifiku" (JOIN(2021)0024) u tal-1 ta' Diċembru 2021 bit-titolu "Il-Global Gateway" (JOIN(2021)0030),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tas-7 ta' Ġunju 2022 dwar l-UE u l-isfidi tas-sigurtà fl-Indo-Paċifiku[2] u tal-5 ta' Lulju 2022 dwar l-istrateġija għall-Indo-Paċifiku fil-qasam tal-kummerċ u l-investiment[3],

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tal-mexxejja maqbula fis-summit kommemorattiv UE-ASEAN li sar fl-14 ta' Diċembru 2022 fi Brussell,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Ottubru 2017 dwar ir-relazzjonijiet politiċi tal-UE mal-ASEAN[4],

– wara li kkundisra l-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Indoneżja, il-Malażja, il-Filippini, Singapore u t-Tajlandja – pajjiżi membri tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja, iffirmat fis-7 ta' Marzu 1980, li jikkostitwixxi l-qafas legali għar-relazzjonijiet UE-ASEAN[5],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2015 dwar is-sitwazzjoni fit-

[1] ĠU L 330, 23. 12. 2022, p. 72.
[2] ĠU C 493, 27.12.2022, p. 32.
[3] ĠU C 47, 7.2.2023, p. 15.
[4] ĠU C 346, 27.09.2018, p. 44.
[5] ĠU L 144, 10.6.1980, p. 2.

Tajlandja[6] u tas-6 ta' Ottubru 2016 dwar it-Tajlandja, b'mod partikolari s-sitwazzjoni ta' Andy Hall[7],

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tajlandja tal-14 ta' Ottubru 2019,

– wara li kkunsidra t-12-il laqgħa interparlamentari UE-Tajlandja, li saret b'mod remot fit-8 ta' Diċembru 2022,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU tal-1951 dwar l-Istatus tar-Rifuġjati u l-Protokoll tal-1967 tagħha,

– wara li kkunsidra l-konvenzjonijiet dwar l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO),

– wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tas-16 ta' Diċembru 1966, li t-Tajlandja hija Stat firmatarju tiegħu,

– wara li kkunsidra t-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Ftehim Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-15 ta' Diċembru 1989, li jimmira lejn l-abolizzjoni tal-piena kapitali,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Ħarsien tal-Persuni Kollha mill-Għajbien Sfurzat tat-23 ta' Diċembru 2010,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra tal-10 ta' Diċembru 1984 u l-Protokoll Fakultattiv tagħha,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal,

– wara li kkunsidra l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali tas-17 ta' Lulju 1998,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ġunju 2022 bit-titolu "Is-saħħa tas-sħubijiet tal-kummerċ: flimkien għal tkabbir ekonomiku ekoloġiku u ġust" (COM(2022)0409),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 105(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A9-0193/2023),

A. billi r-reġjun Indo-Paċifiku fih sħab politiċi, kummerċjali u ta' sigurtà dejjem aktar importanti għall-UE, inkluża t-Tajlandja; billi reġjun Indo-Paċifiku ħieles, konness u stabbli bbażat fuq regoli u rispett għad-dritt internazzjonali, f'konformità mal-prinċipji u l-istandards Ewropej, huwa mixtieq ħafna għas-sigurtà u l-interessi tal-UE;

[6] ĠU C 349, 17.10.2017, p. 26.
[7] ĠU C 215, 19.6.2018, p. 37.

B. billi t-Tajlandja hija membru fundatur tal-ASEAN; billi l-ewwel summit li qatt sar bejn il-mexxejja tal-UE u l-Istati Membri tal-ASEAN, li sar fl-14 ta’ Diċembru 2022, immarka 45 sena ta’ relazzjonijiet diplomatiċi bejn l-UE u l-ASEAN u kkonferma mill-ġdid l-impenn reċiproku tagħhom favur is-sħubija strateġika tagħhom;

C. billi r-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Tajlandja huma mibnija fuq rabtiet politiċi, ekonomiċi u kulturali li ilhom jeżistu;

D. billi l-kooperazzjoni attwali tal-UE u tat-Tajlandja hija bbażata fuq il-Ftehim ta’ Kooperazzjoni UE-ASEAN tal-1980;

E. billi fl-2004, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja ftehim individwali ta’ sħubija u kooperazzjoni (FSK) mat-Tajlandja;

F. billi l-UE u t-Tajlandja temmew in-negozjati dwar FSK f’Marzu 2013, iżda l-kolp ta’ stat militari fit-Tajlandja fl-2014 waqqaf il-proċess u konsegwentement dewwem l-elezzjoni ta’ gvern ċivili sal-2019;

G. billi wara l-elezzjonijiet ta’ Marzu 2019 fit-Tajlandja, il-Kunsill iddikjara fil-konklużjonijiet tiegħu ta’ Ottubru 2019 li kien xieraq li l-UE tieħu passi lejn it-twessigħ tal-involviment tagħha mat-Tajlandja billi tħejji għall-iffirmar f’waqtu tal-FSK;

H. billi n-negozjati mġedda dwar il-FSK ġew konklużi fil-11 ta’ Ġunju 2022;

I. billi t-Tajlandja hija kemm vulnerabbli ħafna għat-tibdil fil-klima kif ukoll produttur relattivament kbir ta’ emissjonijiet globali; billi fis-26 Konferenza tal-Partijiet dwar it-Tibdil fil-Klima tan-NU (COP26), it-Tajlandja wiegħdet li tikseb in-newtralità karbonika sal-2050;

J. billi l-UE u t-Tajlandja għandhom l-għan li jistabbilixxu sħubija moderna, wiesgħa u ta’ benefiċċju reċiproku, ibbażata fuq interessi u prinċipji kondiviżi; billi, huma jaffermaw mill-ġdid permezz tal-FSK ir-rispett tagħhom għall-prinċipji demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, kif stabbilit fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU tal-1948;

K. billi t-Tajlandja kienet fost l-ewwel pajjiżi li ffirmaw id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, iżda r-rekord ġenerali tagħha tad-drittijiet tal-bniedem għadu problematiku;

L. billi t-Tajlandja kklassifikat fid-79 post fl-Indiċi tal-Inugwaljanza bejn il-Ġeneri tal-2021 u n-nisa Tajlandiżi għadhom sottorappreżentati ħafna fl-impjiegi u fil-politika, għalkemm il-pajjiż ra inverżjoni tad-disparità bejn il-ġeneri fl-edukazzjoni għolja, billi kklassifika fl-ewwel post fid-dinja għall-proporzjon ta’ studenti bejn in-nisa u l-irġiel;

M. billi l-Grupp ta’ Ħidma tan-NU dwar l-Għajbien Furzat jew Involontarju rreġistra 76 każ pendenti ta’ għajbien furzat fit-Tajlandja;

N. billi l-piena tal-mewt għadha tiġi applikata fit-Tajlandja, minkejja li r-raba’ Pjan Nazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-pajjiż (2019-2023) fih impenn favur l-abolizzjoni tal-piena kapitali; billi t-Tajlandja mhix firmatarja tat-Tieni Protokoll

Fakultattiv tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi bil-għan li tiġi abolita l-piena tal-mewt;

O. billi t-Tajlandja mhijiex firmatarja tal-Konvenzjoni tan-NU dwar ir-Rifuġjati tal-1951 jew tal-Protokoll tagħha tal-1967, u hija nieqsa minn qafas legali domestiku biex speċifikament tirrikonoxxi u tipprovdi protezzjoni lir-rifuġjati, b'mod partikolari lil dawk mill-Myanmar, li, b'mod regolari, jew huma ristretti għal kampijiet jew jiffaċċjaw arrest arbitrarju, detenzjoni jew deportazzjoni furzata lura lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom, bi ksur tad-dritt għall-ażil u l-prinċipju ta' non-refoulement;

P. billi l-Gvern Tajlandiż reċentement irrestringa d-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari d-drittijiet għal-libertà tal-espressjoni u tal-għaqda, inkluż bl-arrest arbitrarju ta' attivisti favur id-demokrazija u mexxejja tal-oppożizzjoni, u fl-2022 introduċa abbozz ta' liġi biex jikkontrolla b'mod strett l-organizzazzjonijiet kollha tas-soċjetà ċivili;

Q. billi t-Tajlandja għadha ma rratifikatx il-konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO, b'mod partikolari l-Konvenzjoni dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u l-Protezzjoni tad-Dritt għall-Organizzazzjoni u l-Konvenzjoni dwar id-Dritt għall-Organizzazzjoni u n-Negozjar Kollettiv; billi fil-prattika, il-mexxejja tal-unions u l-ħaddiema spiss jiffaċċjaw akkużi kriminali jew jitkeċċew minħabba l-attività tal-unjoni tagħhom; billi ssir diskriminazzjoni kontra aktar minn żewġ miljun ħaddiem migrant fil-pajjiż u ma jgawdux l-istess drittijiet tax-xogħol bħall-ħaddiema lokali, inkluż id-dritt li jorganizzaw ruħhom;

R. billi aktar minn nofs il-bastimenti tas-sajd tad-dinja joperaw fil-Baħar taċ-Ċina tan-Nofsinhar, li waħdu jirrappreżenta madwar 12 % tas-sajd tad-dinja; billi l-UE hija involuta fi djalogu mat-Tajlandja u waqqfet grupp ta' ħidma dwar is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) fil-pajjiż; billi minkejja r-riformi stabbiliti mill-gvern fl-industrija tas-sajd, ħafna ħaddiema migranti fit-Tajlandja għadhom soġġetti għal xogħol furzat;

S. billi t-Tajlandja hija l-produttur ewlieni fid-dinja tat-tonn fil-laned u l-kompetitur ewlieni tal-UE f'dan is-settur; billi ftehim ta' kummerċ ħieles mat-Tajlandja jista' jkun ta' theddida serja għall-industrija tal-ħut u tal-frott tal-baħar fil-laned tal-UE, li hija ta' importanza kruċjali għal għadd ta' reġjuni kostali minħabba r-rwol ewlieni tagħha fil-ġenerazzjoni tal-ġid u l-impjiegi u fil-provvista ta' impjiegi li jirrikjedu ħafna ħaddiema għan-nisa;

T. billi l-UE u r-reġjun tal-ASEAN huma t-tielet l-akbar sħab kummerċjali ta' xulxin, billi l-UE hija r-raba' l-akbar sieħeb kummerċjali tat-Tajlandja u t-tieni l-akbar investitur fit-Tajlandja;

U. billi n-negozjati bejn l-UE u t-Tajlandja dwar ftehim bilaterali ta' kummerċ ħieles (FTA) bdew fl-2013, iżda l-UE ssospendiet in-negozjati fl-2014; billi l-UE u t-Tajlandja nedew mill-ġdid in-negozjati fil-15 ta' Marzu 2023;

***L-impenn tal-UE fir-reġjun Indo-Paċifiku***

1. Jenfasizza l-fatt li t-Tajlandja hija sieħba importanti fir-reġjun Indo-Paċifiku, li sar

waħda mill-prijoritajiet ġeopolitiċi tal-UE;

2. Jissottolinja l-impenn tal-UE favur reġjun Indo-Paċifiku ħieles, miftuħ u bbażat fuq ir-regoli; itenni li l-istrateġija Indo-Paċifika l-ġdida tal-UE jeħtieġ li tiġi implimentata malajr biex toffri lis-sħab tal-UE fir-reġjun opportunità biex jindirizzaw l-isfidi komuni flimkien, biex jiddefendu l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli u biex jiddefendu l-valuri u l-prinċipji kondiviżi mill-UE-ASEAN; huwa favur kooperazzjoni aktar b'saħħitha mal-pajjiżi fir-reġjun, inkluż b'mod partikolari mal-pajjiżi tal-ASEAN;

3. Itenni s-sinifikat politiku ta' relazzjonijiet bilaterali b'saħħithom, ibbażati fuq valuri u prinċipji kondiviżi, bejn l-ASEAN u l-UE b'mod ġenerali, u bejn it-Tajlandja u l-UE b'mod partikolari; jilqa' s-summit UE-ASEAN ta' Diċembru 2022 u l-impenn li din is-sħubija strateġika tkompli tiġi approfondita;

4. Itenni t-talba tiegħu għall-implimentazzjoni rapida tal-istrateġija tal-Global Gateway tal-UE b'koordinazzjoni mal-istrateġija għall-Indo-Paċifiku; jenfasizza ċ-ċentralità ġeopolitika ta' dan l-approċċ, li jintegra dimensjonijiet orjentati lejn l-iżvilupp sostenibbli, trasformattivi, li jsaħħu r-reżiljenza u bbażati fuq il-valuri f'approċċ ta' Tim Ewropa; jilqa' t-tħabbira ta' pakkett finanzjarju ta' EUR 10 biljun biex jiġu aċċellerati l-investimenti fl-infrastruttura fil-pajjiżi tal-ASEAN bl-għan li tinbena sħubija ġdida u ekonomikament sostenibbli, b'mod partikolari fir-rigward tat-tranżizzjoni ekoloġika u l-konnettività sostenibbli;

5. Jinnota li r-reġjun tal-ASEAN huwa wieħed mill-aktar vulnerabbli għall-impatti tat-tibdil fil-klima; jenfasizza l-inizjattiva tat-Tim Ekoloġiku Ewropa biex tiġi appoġġjata t-tranżizzjoni ekoloġika fil-pajjiżi tal-ASEAN; jenfasizza, barra minn hekk, l-importanza tar-rwol tat-Tajlandja bħala l-Koordinatur tal-ASEAN dwar il-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli;

6. Jinnota li l-appoġġ tas-sħab fir-reġjun Indo-Paċifiku kien u għadu siewi ħafna fir-rigward tal-votazzjoni fl-Assemblea Ġenerali tan-NU relatata mal-gwerra mhux ġustifikata, mhux provokata u illegali tar-Russja kontra l-Ukrajna; jilqa' l-fatt li t-Tajlandja vvutat favur ir-riżoluzzjonijiet tal-Assemblea Ġenerali tan-NU biex tikkundanna l-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u japprezza l-għajnuna umanitarja pprovduta mit-Tajlandja lill-Ukrajna; iħeġġeġ lit-Tajlandja tippromwovi r-rispett għad-dritt internazzjonali, tappoġġja lill-Ukrajna u tieħu pożizzjoni ċara kontra l-gwerra ta' aggressjoni Russa anke fil-qafas tal-ASEAN;

***Il-FSK bejn l-UE u t-Tajlandja***

7. Jafferma mill-ġdid l-importanza li l-UE tagħti lir-relazzjonijiet mat-Tajlandja; jilqa' l-konklużjoni tal-FSK, li se jipprovdi qafas legali għat-tisħiħ tar-relazzjonijiet politiċi u ekonomiċi bilaterali li ilhom jeżistu u l-kollaborazzjoni dwar kwistjonijiet ta' tħassib globali u jirrappreżenta pass importanti lejn it-tisħiħ tar-rwol tal-UE fir-reġjun Indo-Paċifiku;

8. Jinnota li l-FSK huwa ftehim komprensiv u modern u se jagħmilha possibbli li nimxu lejn mudelli ġodda ta' tkabbir u żvilupp sostenibbli u li nirreaġixxu aħjar għall-isfidi attwali f'għadd kbir ta' oqsma ta' politika, inklużi l-ambjent, l-enerġija, it-tibdil fil-klima, it-trasport, ix-xjenza u t-teknoloġija, il-kummerċ, l-impjiegi u l-affarijiet soċjali,

id-drittijiet tal-bniedem, l-edukazzjoni, l-agrikoltura, il-migrazzjoni, il-kultura, in-nonproliferazzjoni nukleari, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata;

9. Jesprimi t-tama li l-konklużjoni tal-FSK se tipprovdi impetu qawwi għal kooperazzjoni akbar bejn l-UE u t-Tajlandja għall-benefiċċju taċ-ċittadini, ir-residenti, in-negozji u partijiet ikkonċernati oħra tal-UE u Tajlandiżi kollha; jitlob li ċ-ċittadini kollha tal-UE jivvjaġġaw mingħajr viża lejn it-Tajlandja; jappoġġja l-ħidma lejn reġim mingħajr viża għall-ivvjaġġar lejn l-UE għaċ-ċittadini Tajlandiżi;

10. Jilqa' l-adozzjoni mit-Tajlandja ta' Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, li għamilha l-ewwel pajjiż fir-reġjun Asja-Paċifiku li jinkorpora pjan bħal dan, u jitlob l-implimentazzjoni effettiva tiegħu;

11. Jistieden lill-partijiet jimpenjaw ruħhom li jappoġġjaw l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni domestika dwar id-diliġenza dovuta korporattiva u r-responsabbiltà korporattiva, jaqblu dwar obbligi aktar speċifiċi fid-dawl ta' valutazzjonijiet tal-impatt sostenibbli, jiskambjaw informazzjoni rilevanti, bħal dwar l-għadd ta' investigazzjonijiet, kontrolli u azzjonijiet ta' infurzar, u jipprovdu taħriġ jew assistenza teknika lill-kumpaniji dwar id-diliġenza dovuta korporattiva u r-responsabbiltà korporattiva;

12. Jenfasizza l-fatt li l-partijiet jaqblu li jikkooperaw f'oqsma ta' interess reċiproku fl-oqsma kollha tax-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni; jilqa' l-iffirmar ta' arranġament amministrattiv fid-9 ta' Settembru 2022 għall-kollaborazzjoni bejn l-UE u t-Tajlandja dwar ir-riċerka fil-fruntieri tal-għarfien;

13. Jisħaq fuq l-objettiv komuni tal-partijiet li jsaħħu r-rispons globali għat-tibdil fil-klima u l-impatt tiegħu u li jsaħħu l-kooperazzjoni dwar politiki li jgħinu fil-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi; jenfasizza l-impenji tal-partijiet biex jimplimentaw b'mod effettiv il-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Ftehim ta' Pariġi;

14. Jenfasizza li t-Tajlandja hija d-disa' pajjiż l-aktar milqut fid-dinja fir-rigward tat-tibdil fil-klima; jilqa' l-fatt li, fil-COP26, it-Tajlandja wiegħdet li ssaħħaħ il-kontribut determinat fil-livell nazzjonali tagħha bl-għan li tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħha bi 30 % sal-2030; jilqa', f'dan ir-rigward, l-adozzjoni tal-pajjiż fl-2022 ta' strateġija ta' żvilupp riveduta fit-tul b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra;

15. Jenfasizza l-isforz tal-partijiet biex isaħħu l-kooperazzjoni fis-settur tal-enerġija, inkluż dwar l-aċċess għal servizzi tal-enerġija affordabbli u sostenibbli, l-iżvilupp ta' forom ta' enerġija sostenibbli u rinnovabbli u l-promozzjoni tal-ġenerazzjoni tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju li tikkontribwixxi għal tranżizzjoni lejn enerġija nadifa; iħeġġeġ liż-żewġ partijiet iżidu l-isforzi biex jindirizzaw l-effetti tat-tibdil fil-klima billi jadottaw u jimplimentaw politiki dwar il-klima aktar effettivi dwar it-tranżizzjoni tal-enerġija u d-dekarbonizzazzjoni;

16. Jenfasizza li t-Tajlandja qed tiffaċċja degradazzjoni ambjentali dejjem akbar f'ħafna reġjuni, inkluż it-telf tal-bijodiversità u t-tnaqqis fil-popolazzjonijiet tal-organiżmi selvaġġi, id-deforestazzjoni, id-deżertifikazzjoni, l-iskarsezza tal-ilma, u t-tniġġis tal-

arja u tal-ilma; iħeġġeġ lill-partijiet jikkooperaw biex jindirizzaw dawn l-isfidi;

17. Jilqa' l-inklużjoni fil-FSK ta' dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni dwar sistemi tal-ikel sostenibbli; jenfasizza li s-settur agrikolu għandu sensittivitajiet importanti kemm għat-Tajlandja kif ukoll għall-UE;

18. Iqis li l-UE għandha żżomm l-impenn tagħha għal sajd sostenibbli fl-Indo-Paċifiku u ssaħħaħ il-kooperazzjoni tagħha mat-Tajlandja fil-ġlieda kontra s-sajd żejjed, il-kapaċità żejda u s-sajd IUU fl-Indo-Paċifiku;

19. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni għal darb'oħra żżomm f'moħħha li ftehim bilaterali ta' kummerċ ħieles bejn l-UE u t-Tajlandja jrid ikun preċedut minn studji rigorużi tal-impatt fuq is-sostenibbiltà u analiżi dettaljata tar-riperkussjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali potenzjali;

20. Iħeġġeġ għal darb'oħra lill-Kummissjoni tinkludi l-ħut u l-frott tal-baħar fil-laned bħala "prodotti sensittivi" għall-finijiet ta' negozjati kummerċjali possibbli mat-Tajlandja;

21. Jilqa' l-fatt li l-FSK jappoġġja l-iskambji bejn il-persuni, bħall-mobilità akkademika taħt il-programm Erasmus+, u l-iskambji tal-aħjar prattika fil-politiki taż-żgħażagħ u l-ħidma fost iż-żgħażagħ;

22. Jilqa' l-fatt li l-FSK jappoġġja l-kooperazzjoni dwar il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa; jilqa' l-leġiżlazzjoni tat-Tajlandja għall-avvanz tad-drittijiet tan-nisa, inkluża l-adozzjoni tal-Att dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi tal-2015; jistieden lill-awtoritajiet Tajlandiżi jżidu l-isforzi ta' implimentazzjoni tagħhom, kif ukoll l-isforzi biex jiġġieldu l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u jagħtu s-setgħa lin-nisa u l-bniet, b'mod partikolari n-nisa migranti, in-nisa minn żoni rurali u n-nisa li jappartjenu għal minoranzi, f'konformità mal-Artikolu 21 tal-FSK;

23. Jenfasizza li l-Artikolu 1(1) tal-FSK jipprevedi li d-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għall-prinċipji demokratiċi, l-istat tad-dritt u l-governanza tajba jikkostitwixxu elementi essenzjali tal-FSK;

24. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar ir-ripressjoni vjolenti kontra dimostranti paċifiċi fit-Tajlandja fl-2020 u l-2021; jistieden lill-awtoritajiet Tajlandiżi jinvestigaw l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa kontra d-dimostranti; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Tajlandiżi jeħilsu lil dawk il-priġunieri li ġew detenuti arbitrarjament talli eżerċitaw id-dritt tagħhom għal għaqda paċifika;

25. Jistieden lill-Gvern Tajlandiż jirrispetta r-rwol tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, tad-difensuri tad-demokrazija, tal-attivisti tas-soċjetà ċivili, tal-ġurnalisti u ta' oħrajn, jiżgura l-libertà tal-espressjoni u tal-għaqda, jirrieżamina l-liġi leża maestà (delitt ta' offiża kontra s-sovran) tal-pajjiż u jeħles minnufih lill-individwi kollha arrestati skont din il-liġi, u jirrieżamina l-Abbozz ta' Att tiegħu dwar l-Operazzjoni ta' Organizzazzjonijiet li ma Jwettqux il-Profitt tal-2021, il-liġi tiegħu dwar il-kriminalità bil-kompjuter u l-liġi tiegħu dwar id-diffamazzjoni kriminali, f'konformità mal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, li t-Tajlandja ffirmat u rratifikat;

26. Jinnota ż-żieda fil-protezzjoni li l-Att dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri tal-2015 joffri lill-komunità LGBTI; jistieden lit-Tajlandja taħdem fuq il-promozzjoni u l-protezzjoni sħiħa tad-drittijiet tal-komunità LGBTI;

27. Jinsab imħasseb ħafna dwar l-immirar bla preċedent tat-tfal skont il-liġi tal-leża maestà u jistieden lit-Tajlandja tirrispetta l-obbligi internazzjonali tagħha skont il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, li l-pajjiż irratifika;

28. Jilqa' l-fatt li t-Tajlandja fl-2022 għaddiet l-Att dwar il-Prevenzjoni u s-Soppressjoni tat-Tortura u l-Għajbien Sfurzat bħala pass kritiku fil-ġlieda kontra t-tortura, it-trattament ħażin u l-għajbien furzat fit-Tajlandja; jiddispjaċih għall-fatt li, fl-14 ta' Frar 2023, il-Gvern Tajlandiż approva digriet li jipposponi l-infurzar ta' partijiet mill-att minn Frar sa Ottubru 2023; jitlob li jidħol fis-seħħ malajr u l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tiegħu; iħeġġeġ lit-Tajlandja tirratifika malajr l-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Ħarsien tal-Persuni Kollha mill-Għajbien Sfurzat;

29. Itenni t-talbiet tiegħu li jħeġġu lit-Tajlandja tieħu passi konkreti lejn l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt, inkluż billi tiffirma u tirratifika t-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, bl-għan li tiġi abolita l-piena tal-mewt; jenfasizza l-importanza tad-dikjarazzjoni konġunta dwar l-Artikolu 23 tal-FSK sabiex jiġi żgurat li l-ebda sentenza tal-mewt ma tingħata jew titwettaq fil-futur;

30. Jitlob lit-Tajlandja tiffirma u tirratifika l-Konvenzjoni dwar ir-Rifuġjati tal-1951 u l-Protokoll tagħha tal-1967; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Tajlandiżi jwaqqfu minnufih id-deportazzjonijiet ta' Rohingya u Ujguri etniċi u persuni oħra li jfittxu ażil, li jiksru b'mod sfaċċat l-obbligi internazzjonali fundamentali li huma vinkolanti fuq it-Tajlandja, b'mod partikolari l-prinċipju ta' non-refoulement; jilqa' l-programmi ta' għajnuna umanitarja tal-UE li jipprovdu servizzi ta' protezzjoni u assistenza tal-kura tas-saħħa lir-rifuġjati Rohingya li jgħixu f'kampijiet tar-rifuġjati fil-pajjiż;

31. Jirrikonoxxi l-isforzi li saru mill-Gvern Tajlandiż biex jindirizza l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem relatati mat-traffikar u x-xogħol furzat; jibqa', madankollu, imħasseb dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema migranti;

32. Jilqa' l-ftehim tal-partijiet li jikkooperaw u jipprovdu assistenza teknika bl-għan li jaħdmu lejn ir-ratifika u l-implimentazzjoni tal-konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO; jistieden lit-Tajlandja tirratifika l-Konvenzjonijiet tal-ILO Nri 87, 98 u 155, tiggarantixxi b'mod effettiv id-drittijiet tal-ħaddiema li jorganizzaw u jistrajkjaw u tirrikonoxxi l-istess drittijiet għall-ħaddiema kollha, irrispettivament mill-pajjiż ta' oriġini tagħhom, kif ukoll tikkoopera mal-UE dwar il-promozzjoni tar-ratifika u l-implimentazzjoni ta' konvenzjonijiet oħra aktar reċenti tal-ILO;

33. Iħeġġeġ lit-Tajlandja tirratifika l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 5 tal-FSK u d-dikjarazzjoni konġunta rigward dak l-artikolu;

34. Ifakkar li jekk xi waħda mill-partijiet tqis li l-parti l-oħra ma ssodisfatx kwalunkwe wieħed mill-obbligi tagħha fl-ambitu tal-FSK, b'mod notevoli fir-rigward tal-elementi essenzjali tiegħu, tista' tieħu miżuri xierqa, inkluża s-sospensjoni tal-FSK;

35. Jinnota li fin-negozjati tal-FTA mnedija mill-ġdid, il-Kummissjoni għandha l-għan li

tagħti spinta lill-kummerċ u lill-investiment billi tindirizza l-aċċess għas-suq għall-prodotti, is-servizzi, l-investiment u l-akkwist pubbliku mill-gvern; proċeduri sanitarji u fitosanitarji rapidi u effettivi; il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali; u t-tneħħija tal-ostakli għall-kummerċ diġitali u l-kummerċ fl-enerġija u l-materja prima, filwaqt li jiġu appoġġjati livelli għoljin ta' protezzjoni għad-drittijiet tal-ħaddiema, l-ambjent u l-kisba ta' għanijiet klimatiċi ambizzjużi;

36. Ifakkar li l-Artikolu 1(2) tal-FSK jikkonferma l-impenn tal-partijiet li jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet kollha tiegħu, li jikkooperaw biex jindirizzaw l-isfidi tat-tibdil fil-klima u l-globalizzazzjoni, u li jikkontribwixxu għall-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli; jenfasizza l-approċċ ġdid tal-UE f'dan ir-rigward, kif deskritt fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ġunju 2022 bit-titolu "Is-saħħa tas-sħubijiet tal-kummerċ: flimkien għal tkabbir ekonomiku ekoloġiku u ġust";

37. Jenfasizza li t-tħassib dwar id-drittijiet tal-bniedem għandu jiġi kkunsidrat matul kwalunkwe negozjati mat-Tajlandja;

38. Jenfasizza li l-FTAs tal-UE jinkludu l-hekk imsejħa klawżola ta' noneżekuzzjoni, li tipprevedi s-sospensjoni tal-preferenzi kummerċjali fil-każ ta' ksur tal-elementi essenzjali tal-PCAs;

°

° °

39. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri kif ukoll lill-Gvern u lill-Parlament tat-Tajlandja.

9.2.2023

## ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI

Is-Sur David McAllister
President
Kumitat għall-Affarijiet Barranin
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tat-Tajlandja, min-naħa l-oħra (2022/0252M(NLE))

Sur President,

Qed nirreferi għall-proċedura ta' approvazzjoni relatata mal-Ftehimiet Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni mal-Malażja [2022/0221(NLE)] u t-Tajlandja [2022/0252(NLE)].

Il-koordinaturi tal-Kumitat AGRI kkunsidraw il-kwistjoni fil-laqgħa tagħhom tad-29 ta' Novembru 2022 u qablu mal-konklużjoni f'isem l-UE tal-ftehimiet imsemmija hawn fuq. Din l-opinjoni ntbagħtitlek skont l-Artikolu 56 tar-Regoli ta' Proċedura.

Il-koordinaturi ddeċidew ukoll li l-Kumitat AGRI jikkontribwixxi skont l-istess Artikolu għar-riżoluzzjonijiet ta' akkumpanjament li għandhom jitfasslu mill-Kumitat AFET skont l-Artikolu 105(2) tar-Regoli ta' Proċedura.

Konsegwentement, nixtieq niġbidlek l-attenzjoni għall-punti essenzjali li ġejjin dwar ir-relazzjonijiet ma' dawn iż-żewġ sħab kummerċjali fis-settur agroalimentari. Inkun grat ħafna jekk tinkludihom b'mod xieraq fil-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni tiegħek.

Dejjem tiegħek,

Norbert Lins

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali jixtieq jisħaq fuq il-punti essenzjali li ġejjin

dwar ir-relazzjonijiet kummerċjali agroalimentari mal-Malażja u t-Tajlandja.

– Ninnutaw li l-kummerċ agroalimentari tal-Unjoni Ewropea kemm mal-Malażja kif ukoll mat-Tajlandja jinsab f'defiċit kostanti. Għalhekk, nixtiequ nindikaw li ftehimiet kummerċjali ġodda possibbli ma' dawn il-pajjiżi għandhom itejbu l-bilanċ tal-kummerċ agrikolu billi jiffaċilitaw l-aċċess tal-produtturi Ewropej għas-swieq tagħhom. Fl-opinjoni tagħna, kwalunkwe ftehim ġdid għandu jipprovdi wkoll protezzjoni legali tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-UE.

– Nixtiequ nisħqu li l-prodotti agroalimentari importati mill-Malażja u t-Tajlandja għandhom jissodisfaw l-istandards ekonomiċi, ambjentali, tas-saħħa, tas-sikurezza u tal-kwalità tal-UE, inklużi dawk relatati mal-użu ta' ormoni, antibijotiċi, pestiċidi u organiżmi ġenetikament modifikati. Jidher ukoll essenzjali għalina li l-Unjoni tagħti attenzjoni partikolari lill-istandards soċjali f'dawn il-pajjiżi, inkluża l-kundizzjoni tal-ħaddiema fis-settur agrikolu.

– Għalhekk nixtiequ nirrimarkaw li kwalunkwe ftehim kummerċjali ġdid konkluż mal-Malażja u t-Tajlandja għandu jinkludi dispożizzjonijiet dwar is-sostenibbiltà, id-drittijiet tax-xogħol u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri simili għal dawk li jinsabu fil-ftehim kummerċjali konkluż ma' New Zealand f'Ġunju 2022.

# INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 24.5.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 55<br>–: 3<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Alviina Alametsä, Alexander Alexandrov Yordanov, François Alfonsi, Petras Auštrevičius, Traian Băsescu, Susanna Ceccardi, Włodzimierz Cimoszewicz, Katalin Cseh, Michael Gahler, Kinga Gál, Giorgos Georgiou, Sunčana Glavak, Raphaël Glucksmann, Klemen Grošelj, Sandra Kalniete, Dietmar Köster, Andrius Kubilius, Ilhan Kyuchyuk, David Lega, Miriam Lexmann, Nathalie Loiseau, Antonio López-Istúriz White, Pedro Marques, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Sven Mikser, Francisco José Millán Mon, Matjaž Nemec, Gheorghe-Vlad Nistor, Demetris Papadakis, Kostas Papadakis, Giuliano Pisapia, Nacho Sánchez Amor, Isabel Santos, Jacek Saryusz-Wolski, Mounir Satouri, Andreas Schieder, Jordi Solé, Sergei Stanishev, Dominik Tarczyński, Hermann Tertsch, Anders Vistisen, Charlie Weimers, Isabel Wiseler-Lima, Salima Yenbou, Tomáš Zdechovský, Bernhard Zimniok, Željana Zovko |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Katarina Barley, Adam Bielan, Vladimír Bilčík, Mercedes Bresso, Pierrette Herzberger-Fofana, Arba Kokalari, Andrey Kovatchev, Georgios Kyrtsos, Karsten Lucke, Ramona Strugariu |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Javier Moreno Sánchez |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 55 | + |
|---|---|
| ECR | Adam Bielan, Jacek Saryusz-Wolski, Dominik Tarczyński, Hermann Tertsch, Charlie Weimers |
| ID | Susanna Ceccardi |
| NI | Kinga Gál |
| PPE | Alexander Alexandrov Yordanov, Traian Băsescu, Vladimír Bilčík, Michael Gahler, Sunčana Glavak, Sandra Kalniete, Arba Kokalari, Andrey Kovatchev, Andrius Kubilius, David Lega, Miriam Lexmann, Antonio López-Istúriz White, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Francisco José Millán Mon, Gheorghe-Vlad Nistor, Isabel Wiseler-Lima, Tomáš Zdechovský, Željana Zovko |
| Renew | Petras Auštrevičius, Katalin Cseh, Klemen Grošelj, Georgios Kyrtsos, Ilhan Kyuchyuk, Nathalie Loiseau, Ramona Strugariu, Salima Yenbou |
| S&D | Katarina Barley, Mercedes Bresso, Włodzimierz Cimoszewicz, Raphaël Glucksmann, Dietmar Köster, Karsten Lucke, Pedro Marques, Sven Mikser, Javier Moreno Sánchez, Matjaž Nemec, Demetris Papadakis, Giuliano Pisapia, Nacho Sánchez Amor, Isabel Santos, Andreas Schieder, Sergei Stanishev |
| Verts/ALE | Alviina Alametsä, François Alfonsi, Pierrette Herzberger-Fofana, Mounir Satouri, Jordi Solé |

| 3 | - |
|---|---|
| ID | Anders Vistisen, Bernhard Zimniok |
| NI | Kostas Papadakis |

| 1 | 0 |
|---|---|
| The Left | Giorgos Georgiou |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni